MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 141/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Lawrence Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Lawrence Grech talli bejn Novembru 2000 u April 2002, gewwa Haz-Zabbar, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` f'kamra ezistenti u hitan tas-sejjieh ta' ghalqa fl-inhawi maghrufa bhala l-Gharar tas-Salib, liema ammont ta' hsara huwa izjed minn Lm500 ghad detriment ta' Paul Grech minn Hal-Tarxien, Joseph Grech minn Haz-Zabbar, Emanuela Mifsud minn Haz-Zabbar, Mary Grace Bonnici minn Haz-Zabbar, u Elizabeth Buhagiar minn Hal-Tarxien.

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija tapplika l-provvediment ta' l-artikolu 383(1) tal-Kap. 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Lulju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Lawrence Grech hati ta' l-imputazzjoni dedotta u kkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ mitejn liri Maltin (Lm200), u ordnat li ma jimmolestax, ma jingurjax u ma jheddidx lil hutu ghall-perijodu ta’ sena taht penali ta’ mitt liri maltin (Lm100) fin-nuqqas;
Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Lawrence Grech ipprezentat fit-8 ta’ Lulju 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenzxa appellata u tilliberah minn kwalunkwe piena u imputazzjoni u f’kaz li ssibu hati tirriforma l-istess sentenza, billi l-imputat ghandu fedina penali nadifa, u tapplika piena aktar xierqa u gusta ghall-kaz tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-uniku aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova li l-hsara volontarja giet ikkagunata mill-appellant. Huwa jaghti dawn ir-ragunijiet:

"1. L-Ispettur Morgan Azzopardi interroga lir-rikorrent li ghamel statement lill-Pulizija. F'dan l-istatement m'hemm l-ebda ammissjoni da parti ta' Lawrence Grech li huwa ghamel il-hsara volontarja allegata mill-Prosekuzzjoni. Kull ma qal ir-rikorrent li huwa kien jirrimwovi l-ostakoli u l-hsarat u l-vendikazzjonijiet li kien jaghmel Paul Grech fl-ghalqa in kwistjoni. Fuq il-pedana tax-xhieda huwa cahad li ghamel il-hsara volontarja allegata.

2. Bhala xhieda indipendenti l-Pulizija tellghet lil Edmond Muscat u Leli Buhagiar li ghandhom ghelieqi fil-vicin. Dawn prattikamenty ittellghu ghalxejn ghax ma jafu

assolutament xejn dwar il-hsara volontarja li l-Pulizija qed tallega li saret mir-rikorrent.

3. Kull ma tellghet bhala prova l-prosekuzzjoni huwa hu l-imputat Paul Grech. Imma dan ma huwiex xhud attendibbli ghaliex bejnu u bejn ir-rikorrent hemm animozita` kbira minhabba l-kwistjonijet civili ta' bejniethom. Fuq kollox fil-pedana tax-xhieda Paul Grech ammetta li huwa stess ghamel hsara volontarja fl-ghalqa in kwistjoni. Ir-rikorrent mar jirrapporta lill-Pulizija dwar il-hsara li ghamel Paul Grech fl-ghalqa, imma l-Pulizija qalulu li din kienet kwistjoni civili u ma hadux passi kontra Paul Grech.

4. Illi mhux verosimili li r-riorrent ghamel il-hsara volontarja allegata u dan minhabba l-fatt li huwa kien qed jikkkoltiva u jiehu hsieb l-ghalqa in kwistjoni u kif xehed ghamel diversi benefikati. Kien principalment Paul Grech li oggezzjona li r-rikorrent jibqa' juza l-ghalqa bhala ko-proprjetarji imma riedu li jixtriha bil-prezz ezorbitanti ta' Lm24,000 u beda jaghmel il-hsara u l-vendikazzjoni halli r-rikorrent ma jkomplix jibqa' jgawdi l-ghalqa bhala ko-proprjetarju, u jkun kostrett jixtriha bi prezz ezorbitanti. Paul Grech kellu motiv illi permez ta' hsarat fil-post idejjaq lir-rikorrent filwaqt li r-rikorrent kellu motiv li l-ghalqa tkun fgi stat tajjeb ta' riparazzjoni ghaliez tista' tghid hadd hlief hu biss kien qed igawdiha.

5. Bejn ix-xiehda tar-rikorrent u dik ta' Paul Grech hemm konflitt ta' provi.

6. Illi l-hsarat li sab il-Perit Valerio Schembri kienu principalment jikkonsistu f'dawk li qeghdin fil-kamrin li hemm fl-ghalqa. Dan il-kamrin ilu mibni 'l fuq minn 100 sena u l-hsarat li jezistu go fih gejjin mhux minn hsarat volontarji imma minn wear u tear. Il-Perit Valerio Schembri mqabbad mill-Qorti ma kkonstatax li d-danni li hemm f'dan il-kamrin huma danni kagonati minn hsara volontarja. Lanqas il-Perit ex parte ma xehed li l-hsara kienet whda volontarja, imma kull ma ghamlu dawn il-periti kienet biss stima ta' hsara.

Illi r-raguni ghaliex il-Qorti sabet lir-rikorrent hati huma dawk indikati fl-ahhar paragrafu ta' pagna 9 u fl-ewwel paragrafu ta' pagna 10 fejn inghad li l-imputat stess qabad u agixxa fl-ghalqa ta' l-ahwa a sua sponte minghajr awtorizzazzjoni jew approvazzjoni villi bena dura li fuq kollox giet imwaqqa' minn Paul Grech. Il-bini ta' dura minghajr approvazzjoni tal-koproprjetarji ma tikkostitwixxix hsara volontarja. Ghar-rigward il-hitan imwaqqa' r-riokrrent kemm fl-istatement u kemm fil-pedana tax-xhieda ta spjegazzjoni ghaliex twaqqghu. Dan ghaliex Paul Grech bnihom biex ma jhallix lir-rikorrent jidhol fl-ghalqa u b'hekk imblokkalu l-passagg. Biex jghaddi kellu jnehi l-ostakolu li ghamel Paul Grech minghajr l-approvazzjoni ta' hadd. Dan l-agir ma jikkostitwixxix hsarat volontarji."

Dak li qieghed jitlob l-appellant bazikament huwa apprezzament mill-gdid tal-provi u bhalma dejjem gie ritenut, huwa principju stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed**

Il-kaz in ezami huwa kaz sfortunat rizultat ta' glied u piki bejn l-ahwa minhabba ghalqa li, minflok ma ftehmu fuq pjan ta' qasma ta' l-istess ghalqa li xtraw minghand ommhom, jew ftehmu fuq prezz ragjonevoli ghall-bejgh ta' l-istess, spiccaw jakkuzaw lil xulxin b'atti vendikattivi: min jibni u min ihott. Daqqa wiehed jgholli hajt u l-iehor iwaqqghu, daqqa wiehed jostakola passagg u l-iehor jifthu, daqqa wiehed jibni dura u l-iehor ihottu. Hija certament hasra li, minflok ma jipprevali l-bwon sens, il-Qrati taghna jispiccaw kultant inondati b'kawzi bhal dak odjern. Fi kwalunkwe kaz hawn ghandna lil wiehed biss mill-ahwa li jinsab akkuzat li kkawza hsara volontarja f'ghalqa li hija proprjeta` komuni bejn sitt ahwa. Fil-fatt jidher li l-appellant huwa l-aktar wiehed minn fost l-ahwa li kien interessat fl-imsemmija ghalqa tant li jghid li kien ilu diversi snin imur fiha ghall-kacca.

**Paul Grech**, wiehed minn hut l-appellant, xehed li darba mar fl-ghalqa biex isewwi xi hsara li beda jinnota fl-ghalqa. Beda jipprova jtella' hajt u ra lill-appellant jaqleb il-hitan. Il-kamra kienet fil-bidu ta' twaqqigh. Sostna li l-appellant mhux biss garraf xi hitan tas-sejjieh u l-ghorfa izda anke qaccat xi sigar u ghamel xi hruq fuqhom.

**Joseph Grech**, ukoll hu l-appellant, qal li fis-6 ta' Jannar 2001 ra lill-appellant jaqbad il-gebel u jhott hajt tas-sejjieh.

**L-appellant** ma jinnegax li waqqa' xi cnut izda jghid li dawn kienu dawk li kienu jibnu hutu stess u mhux ic-cint originali. Dwar id-dura jghid li din kienet tifforma parti originali mic-cint u wara li hutu kissruhielu huwa rega' bnieha.

L-appellant jghid li bejn ix-xiehda ta' l-appellant u ta' Paul Grech hemm konflitt ta' provi. Izda x-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-

---

**Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[2]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[3]. Fi kwalunkwe kaz anke Joseph Grech xehed li ra lill-appellant ihott u l-appellant stess jammetti li waqqa' xi cnut. Kienet x'kienet ir-raguni huwa immaterjali. Il-bini ta' cint imwaqqa' ma jistax jitqies bhala hsara izda t-twaqqiegh ta' dak li nbena huwa hsara.

Din il-Qorti ghalhekk hija soddisfatta li certu ammont ta' hsara fl-ghalqa in kwistjoni giet effettivament ikkagunata mill-appellant. Fortunatament, anke kif osservat l-ewwel Qorti, il-kwistjonijiet kollha relatati ma' din l-ghalqa huma issa prattikament rizolti peress li din ghandha tinbiegh bis-subbasta.

Dwar il-piena, il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat, din il-Qorti jidhrilha li hemm lok ta' varjazzjoni. Issa skond l-artikolu 325(a) tal-Kap. 9 il-piena hija ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin. L-ewwel Qorti, minhabba r-"ragunijiet specjali u straordinarji" li semmiet fis-sentenza appellata, applikat l-artikolu 21 tal-Kap. 9 u, minflok sentenza ta' prigunerija, ikkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' multa ta' mitejn lira (Lm200). Fic-cirkostanzi attwali pero` din il-Qorti hi tal-fehma li huwa aktar opportun li jigu applikati d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446.

Ghal dawn il-motivi:

---

[2] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.

[3] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' Lm200 u minflok tilliberah taht kondizzjoni (*conditional discharge*) a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien erba' xhur millum. Fl-ahharnett, peress li l-obbligazzjoni bil-miktub skond l-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 ma saritx quddiem l-ewwel Qorti, tordna li din l-obbligazzjoni ssir bil-mod infraskritt. Din il-Qorti fissret lill-appellant bi kliem li jiftiehem sew li jekk jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**App. Nru. 141/04DS**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Lawrence Grech**

**Illum, 24 ta' Novembru 2004**

**<u>Obbligazzjoni skond l-artikoli 383 *et seq*. tal-Kap. 9</u>**

Ghal dak kollu li tghid u trid is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Lulju 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lawrence Grech**, konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'sentenza moghtija fl-istess ismijet illum, 24 ta' Novembru 2004, jien hawn taht iffirmat, **Lawrence Grech**, nobbliga ruhi li nzomm il-bon ordni pubbliku ma' kulhadd u li ma nimmolestax, ma ningurjax u ma nheddidx lil huti kollha, u jekk b'zi mod li jkun nonqos minn din l-obbligazzjoni nobbliga ruhi li nhallas is-somma ta' mitt lira (Lm100) penali ordnata bis-sentenzi msemmija, u din l-obbligazzjoni ghandha tibqa' ssehh ghal tnax-il xahar millum.

____________________________
Lawrence Grech

Maghmula u ffirmata quddiemi, illum 24 ta' Novembru 2004

____________________________
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------